MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2015

Numru 52/2015

**Il-Pulizija**

(Spettur Frank Anthony Tabone)

vs

**Anthony Said**, ta' 41 sena, bin Peter u Carmela nee` Vella, imwieled Rabat, Ghawdex nhar it-22 ta' Marzu, 1974, residenti fil-fond Nru. 8, Triq ir-Rabat, Marsalforn limiti taz-Zebbug, Ghawdex detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 8474(G)

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar l-13 ta' Mejju 2015 u kif ukoll fix-xhur ta' qabel gewwa r-Rabat, Ghawdex u f'postijiet ohra f'dawn il-gzejjer f'hinijiet differenti;

1. Approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghall-persuna ohra, minn haga ta' haddiehor (fuel) liema haga giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titlu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta (Ministeru ghal-Ghawdex) liema haga giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni tieghu, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bi hsara ta' haddiehor, ghamel xi qliegh iehor b'qerq li ma jammontax ghal aktar minn hames mitt euro (€500.00) ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta (Ministeru ghal-Ghawdex);

3. U aktar talli huwa sar recediv b'diversi sentenzi moghtija lilu mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) u tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Wara li tatu hin biex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu l-imputat rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu

Rat l-artikoli Art. 49, 50, 293, 294, 309, 310(1)(c) tal-Kap. 9 u l-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi fil-konfront tieghu.

Wara li hadet in konsiderazzjoni il-fedina penali tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu u l-kollaborazzjoni tieghu mal-Pulizija, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin mil-lum ai termini ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 u

tikkundannah ihallas lura lill-Ministeru ghall-Ghawdex is-somma ta′ sittin euro (€60) b′mod immedjat rapprezentat l-ammont ta′ fuel mehud minnu.

Il-Qorti fehmet l-import tas-sentenza lill-imputat.

Tordna li din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------